Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,519, 10 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 231 tal-2025

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 439.20.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasferixxu l-mandat ta' dawn ir-regolamenti mid-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji ta' Malta għad-Direttorat responsabbli għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "awtorità kompetenti" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

""awtorita' kompetenti" tfisser id-Direttorat responsabbli għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li huwa identifikat sabiex iwettaq l-obbligi li jirriżultaw minn dawn ir-regolamenti;";

(b) minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti", kif sostitwita, għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""Direttur" tfisser id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;".

Jemenda r-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 48 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-Kunsill dwar it-trattament xieraq tal-annimali stabbilit għall-protezzjoni tal-annimali użati għal għanijiet

xjentifiċi flimkien mad-Direttur, għandu jagħti parir lill-korp għat-trattament xieraq tal-annimali fir-rigward ta' materji li għandhom x'jaqsmu mal-akkwist, it-tnissil, l-akkomodazzjoni, il-kura u l-użu tal-annimali fi proċeduri xjentifiċi u għandu jiżgura l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika.".